MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Numru. 667/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs.**

**El Fred Youssef Tarhuni**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

El Fred Youssef Tarhuni, 29 sena, iben Othman u Josephine nee' Sciberras, imwieled Tripoli, Libja fil-21 ta' Jannar, 1979 u li joqghod nru. 2, Triq Brittanja, Sqaq Nru. 1, Mosta, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. 295793M.

Akkuzat talli:

1. Fit-30 ta' Gunju, 2008 ghall-habta tal-11.30 p.m. mill-kontrada ta' l-Ahrax, limiti tal-Mellieha, flimkien ma' persuna ohra, kkommetta serq ta' garra nahal, liema serq huwa aggravat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-dannu ta' Carmel Psaila u/jew ta' persuni ohra.
2. Aktar, talli fil-lejl bejn it-22 u t-23 ta' Gunju, 2008 u/jew fil-jiem ta' qabel, mill-kontrada ta' l-Ahrax, limiti tal-Mellieha, bil-hsieb li jghamel delitt ta' serq ta' garra nahal, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku gie esegwit kien ikun serq aggravat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (E2329.37) bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;
3. Akkuzat ukoll tali rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fit-28 ta' Lulju, 2008, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Semghet ix-xhieda, u rat l-atti u d-dokumenti ezebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fil-lejl bejn it-22 u t-23 ta' Gunju 2008 u/jew xi gurnata jew tnejn qabel, sar attentat ta' serq ta' kaxxa tan-nahal, appartinenti lil Carmel Psaila. Dan gara fl-inhawi tal-Ahrax tal-Mellieha, fejn Carmel Psaila kien izomm hmistax (15)-il kaxxa nahal.
2. Dak in-nhar, l-attentat ta' serq falla peress li fil-process tas-serqa il-kaxxa tan-nahal ma gietx issiggillata sew mill-malvivivent/i, bil-konsegwenza li n-nahal irnexxielu jahrab u kif huwa risaput, l-istint naturali tan-nahal huwa li jattakka lil min jiddisturbah,[1] f'dan il-kaz il-malvivent/i.
3. Il-kaxxa tan-nahal giet imcaqalqa xi sitt pulzieri u imdawwra bit-tape. Carmel Psaila sab bicctejn xugamani fejn il-kaxxa, u l-malvivent prova jisraq il-kaxxa, billi jsodd il-fetha taghha bix-xugaman, pero kien hemm toqba ohra – li malvivent ma ttendiex biha - minn fejn hareg in-nahal. Il-bicctejn xugaman li instabu fuq il-post kien ghadhom b'xi nahal mghaffeg imwahhal maghhom.
4. Carmel Psaila jghid li l-kaxxa kienet tiswa mitt Lira Maltin. Kemm ix-xugamani kif ukoll il-bicciet tat-tape kienu ittiehdu minn Carmel Psaila innifsu, peress li dak in-nhar ma ghamilx rapport lill-Pulizija dwar il-kaz. Dawn l-affarijiet gew ezebiti minnu l-Qorti, waqt li kien qed jixhed.
5. Dak in-nhar stess tat-23 ta' Gunju 2008, l-imputat irraporta *sick* fuq il-post tax-xoghol tieghu. Kien mar izuru, dak-in-nhar ukoll, it-tabib tal-principal tal-imputat, Dottor Ramon Scerri, li xehed li l-imputat kellu allergija f'saqajh, u meta staqsa lill-imputat biex giet huwa allega li kien gidmu xi insett.[2] Infatti, it-tabib iccertifika li l-imputat kien qed ibaghti minn *"allergy"*.[3]
6. Fit-30 ta' Gunju 2008, Carmel Psaila ircieva telefonata konfidenzjali li infurmatu li minnfejn kellu n-nahal hu, kien hiereg trakk Tata b'kaxxa tan-nahal u kien hemm tnejn min-nies libsin ilbies protettiv ghan-nahal.
7. Carmel Psaila qal lit-tifel tieghu Nicholas biex imur jigri l-bypass – li mhux il-boghod minn fejn joqghodu – biex jara jinnutax it-trakk Tata, u Carmel Psaila mar jigri jgib il-karozza tieghu.
8. Nicholas Psaila xehed li x'hin wasal biex jidhol fil-bypass, ra ragel b'maskla tan-nahal u kaxxa f'idu. Dan ir-ragel waqaf hdejn karozza Lada kannella KAF 705, ghabba l-kaxxa fil-bagoll tal-karozza u saq. Dan ir-ragel kien ginger u ta' tul medju. Huwa xehed li van Tata ma rax. Imbaghad gie missieru u marru fejn missieru izomm in-nahal u sabu kaxxa nieqsa.

[1] Ara xhieda ta' Carmel Psaila a fol. 12 tal-process.
[2] Ara xhieda ta' Dottor Ramon Scerri a fol. 8 tal-process.
[3] Ara certifikat mediku a fol. 10 tal-process.

9. Fir-rapport lill-Pulizija li, Carmel u Nicholas Psaila ghamlu lill-Pulizija *a tempo vergine*, Nicholas Psaila qal li l-vettura kellha numru tar-registrazzjoni KAF 705.[4] Ghal kull buon fini jigi rilevat illi fit-traskrizzjoni tal-ewwel deposizzjoni tieghu,[5] Nicholas Psaila jghid li ra vettura bin-numru KAS 705. Pero dan jidher li hu zball genwin tat-traskrittur, tant li fit-tieni deposizzjoni tieghu,[6] Nicholas Psaila jghid li l-vettura kellha n-numru KAF 705. Ghalhekk, m'hemmx dubbju li n-numru tal-karozza li Nicholas Psaila qed jghid li ra dak il-lejl huwa KAF 705.
10. Il-vettura Lada kannella bin-numru tar-registrazzjoni KAF 705 hija registrata f'isem l-imputat.[7]

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fl-opinjoni tal-Qorti, l-iktar prova krucjali f'dawn il-proceduri hija ta' min kienet il-vettura ipparkjata fil-vicinanzi tal-bypass ghal xi 11.40pm li x-xhud Nicholas Psaila ra, u li fiha ragel libes maskra tan-nahal pogga il-kaxxa tan-nahal misruqa u saq. Nicholas Psaila xehed li huwa cert mill-mudell u n-numru tal-vettura li hu ra ipparkjata dak il-lejl li insterqet il-kaxxa tan-nahal ghax il-vettura kienet ipparkjata taht bozza tal-Gvern u ma kienx hemm distanza twila bejnu u bejn il-vettura.[8] Kif inghad din il-vettura hija registrata f'isem l-imputat.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li hu biss kien jaghmel uzu minn din il-vettura. L-imputat kien jiffrekwenta l-Ahrax tal-Mellieha, fejn saru z-zewg reati, peress li gieli kien imur hdejn hu t-tfajla tieghu, certu Christian Gauci, li kellu kamra fil-qrib. Huwa ammetta li fit-30 ta' Gunju 2008 huwa kien nizel l-Ghadira, fil-limiti tal-Mellieha u jghid li kienu *"forsi l-ghaxra u nofs jew il-hdax ta' bil-lejl."* – hin li huwa vicin hafna dak li fih Nicholas Psaila ra l-karozza ipparkjata fil-by-pass.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li biex irritorna d-dar tieghu il-Mosta mill-Bajja tal-Mellieha, huwa m'ghaddiex mill-by-pass, imma ghadda minn gewwa l-Mellieha, biex jghaddi minn quddiem id-dar tat-tfajla tieghu fil-Mellieha stess, imbaghad hareg ghall-by-pass tal-Mellieha biex seta' jaqbad

[4] Ara fol. 21 *et seq.* tal-process.
[5] Ara xhieda ta' Nicholas Psaila a fol. 34 *et seq.* tal-process.
[6] A fol. 60 *et seq.* tal-process.
[7] Ara xhieda ta' Stephen Cachia, rapprezentant tal-ADT a fol. 19 tal-process.
[8] Ara xhieda ta' Nicholas Psaila a fol. 61-62 tal-process.

it-triq li mill-Mellieha tiehdok ghall-Masgar tal-Mizieb. Meta mistoqsi ghaliex ma ghaddiex mill-by-pass mal-ewwel, huwa wiegeb li din ma kienitx triqtu. Ghalkemm din il-versjoni tal-imputat hija plawsibbli, ma tantx hija wahda kredibbli, meta wiehed jikkonsidra kemm kien iktar facli ghalih jghaddi mill-by-pass, specjalment, meta wiehed jikkonsidra li f'dawk il-hinijiet ta' bil-lejl ftit li xejn ikun hemm traffiku.

Inoltre, minn tfittxija li saret gewwa il-karozza tal-imputat, instab roll *masking tape*,[9] li jaqbel fis-sura tieghu ma dak li Carmel Psaila sab imwahhal mal-kaxxa tan-nahal fl-ewwel attentat ta' serq, u li gie ukoll esebit minn Psaila f'dawn il-proceduri.[10] L-imputat jiggustifika is-sejbien ta' dan ir-roll *masking tape* fil-karozza tieghu, billi jghid li dak juzah ghax-xoghol, li fil-fatt hu veru. Pero, kif jammetti l-imputat stess immedjatament wara, il-qadi tax-xoghol, effettivament, ma kienx jaghmlu bil-karozza personali tieghu imma bil-karozza tax-xoghol. Ghalhekk, ir-raguni li ta l-imputat biex jiggustifika s-sejbien ta' dan ir-roll *masking tape* fil-karozza tieghu, ma hix wahda konvincenti.

Imbaghad hemm il-kwistjoni li l-imputat irraporta *sick* lill-principal tieghu, fit-23 ta' Gunju 2008, l-ghada, jew jumejn wara li sar l-ewwel attentat ta' serq tal-kaxxa tan-nahal. Fix-xhieda tieghu, it-tabib tal-principal, Dottor Ramon Scerri jghid li l-imputat qallu li kien gidmu xi insett u infatti, fuq ic-certifikat, it-tabib indika li l-imputat kien qed ibati minn allergija. Huwa vera li Dottor Scerri xehed li hu qaghad fuq dak li qallu l-imputat innifsu, pero fix-xhieda tieghu Dottor Scerri mkien ma jsemmi li l-imputat kien qallu xi haga ohra li setghet ikkawzat l-indisposizzjoni tieghu dak-in-nhar.

Issa fl-ewwel stqarrija tieghu,[11] l-imputat jghid li kien lewa sieqiu, u li lit-tabib tax-xoghol kien qallu li rifes xi haga. F'din l-istqarrija l-imputat ma jghid imkien li seta' ngidem minn xi insett jew li kellu allergija. Dan li qal l-imputat huwa totalment kontradett mix-xhieda ta' Dottor Scerri li xehed li meta invista lill-imputat sab li kellu allergija f'saqajh u hafna hmura, u li l-imputat qallu li kienu gidmuh xi insetti. Huwa vera li Dottor Scerri ma setghax jghid b'certezza li l-allergija li kellu l-imputat giet bil-fors min-nahal, pero hemm differenza sostanzjali bejn li wiehed ikollu allergija u li wiehed jilwi sieqiu.

[9] Esebit bhala Dok JM3.
[10] Ara Dok CP.
[11] Ezebita a fol. 41 *et seq.* tal-process.

Rigward l-attentat ta’ serq tal-kaxxa tan-nahal, mid-dinamika tal-kaz jirrizulta li l-unika raguni li l-kaxxa ma nsterqitx fl-ewwel okkozjoni kienet li l-istess nahal irnexxielu jahrab mill-garra ghaliex min kien qed jipprova jisraqha ma issiggillahiex sew. Oltre dan, ma hemm xejn li jindika li f’post daqshekk imwarrab gara xi haga oltre li fixkel lill-halliel/hallelin milli jiehdu dak li kellhom f’mohhom. U wisq inqas ma hemm xi haga li tindika li l-halliel/ hallelin waqfu milli jikkommettu s-serqa minn jeddhom, tant li ftit granet wara kien hemm it-tieni attentat, li din id-darba irnexxa.

Huwa vera li l-persuna li Nicholas Psaila ra iggorr il-kaxxa tan-nahal misruqa, ma setghax kien l-imputat, ghax Nicholas Psaila iddeskriva din il-persuna bhala ragel ginger ta’ tul medju, meta l-imputat huwa bniedem twil hafna u ta’ karnaggjon ismar.[12]

Pero, l-assjem tal-provi, u cioe l-karozza tal-imputat ipparkjata fil-by-pass tal-Mellieha, li fiha tpoggiet il-kaxxa tan-nahal misruqa, ix-xhieda ta’ Dottor Ramon Scerri, l-inkonsistenzi fl-istqarrijiet tal-imputat, il-masking tape li nstab fil-karozza tal-imputat li bhalu nstab mal-kaxxa tan-nahal fl-attentat ta’ serq, joholqu element qawwi ta’ prova indizzjarja (*circumstantial evidence*) li jippuntaw f’direzzjoni wahda, u cioe li l-imputat kien involut, kemm fis-serqa tal-kaxxa tan-nahal, kif ukoll fl-attentat ta’ serq tal-kaxxa tan-nahal.

Din il-Qorti hija tal-fehma pero, illi ghalkemm mill-provi ma jirrizultax li l-imputat kien l-awtur ta’ dawn iz-zewg reati, mill-provi indizzjarji kollha jindikaw li l-involviment tal-imputat kien wiehed attiv, u dan jirrendih komplici fil-kommissjoni tal-istess reati a tenur tal-Artikolu 42(c) u (d) tal-Kodici Kriminali.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, u cioe dik tar-recidiva, din tirrizulta ippruvata bis-sentenza ezebita, moghtija minn din il-Qorti (diversament preseduta) kontra l-imputat, fit-13 ta’ April 2005.[13]

---

[12] Ara verbal fis-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2008 a fol. 6 tal-process.
[13] Ara fol. 78 *et seq.* tal-process.

**Konsiderazzjonijet dwar Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali tal-imputat hija kwazi netta, hlief ghal reat wiehed tat-traffiku.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll li l-valur tal-kaxxa tan-nahal misruqa huwa ta’ €2,300.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261(c), (f) u (g), 267, 270, 271(b), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat mhux hati bhala awtur tal-ewwel zewg imputazzjonijiet li jaqghu taht dawn l-Artikoli, izda hati bhala komplici tar-reati kontemplati fl-istess Artikoli, a tenur tal-Artikolu 42(c) u (d) tal-istess Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti ssib lill-imputat hati wkoll tat-tielet imputazzjoni kif kontemplata fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini ta’ l-Artikolu 24(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas is-somma ta’ elf u mitejn Euro (€1,200) lil Carmel Psaila fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, rapprezentanti parti mill-valur tal-oggett misruq.

Ai termini ta’ l-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputat il-portata ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KAF 705, li tinsab ezebita fl-atti ta’ dawn il-proceduri, favur il-Gvern ta’ Malta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------